MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Numru. 1451/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Darren Grech**

**Kumpilazzjoni Nru: 1451/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Grech, ta' 21, iben Alfred u Irene xebba Coreschi, imwieled Pieta, nhar it-3 ta' Mejju, 1989, residenti gewwa l-fond Block 1, Door 2, Flat 6, Triq il-Gzira, Gzira u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 232089(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-3 ta' April, 2010 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa Triq Sir Fredrick C.Ponsomby, Gzira, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe' ta' Priscilla Ciantar ta' sittax –il sena f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Priscilla Ciantar u dan skond kif iccertikfat minn Dr.N.Spiteri (Med Reg No 3238) mill-isptar Mater Dei;

Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

U finalment talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu fit-12 ta' Marzu, 2010 mill-Qorti ta' Malta.

Rat l-artikoli 214, 216, 218 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-3 ta’ April 2010 fi Triq Ponsomby Gzira; f’dan l-incident kienu involuti l-imputat, il-parte civile Priscilla Ciantar, u certu Sacha Bonello.

Illi t-tlett persuni imsemmija taw il-verzjoni taghhom lill-pulizija dak in-nhar ta’l-incident, u t-tlieta li huma taw id-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti; Ciantar u Bonello fil-fatt xehdu dwar l-incident darbtejn[1], u l-imputat darba ghalkemm l-imputat kien ta l-verzjoni tieghu ukoll lill-ufficjal prosekutur meta rrilaxxja stqarrija. Minbarra dawn il-persuni certu Helen Calleja (maghrufa bhala Elena) li kienet prezenti ghall-incident tressqet bhala xhud u hi ukoll xehedet darbtejn.

Illi dak li jispikka f’dak li jghidu dawn il-persuni huwa kemm m’humiex kredibbli; kollha huma selettivi hafna f’dak li jghidu, jbiddlu l-verzjoni taghhom skond ic-cirkostanzi, u li jghidu affarijiet li ma jaghmlux sens.

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjonijiet bejn l-imputat, Priscilla Ciantar u Sacha Bonello kienu ilhom ghaddejjin; anke fil-gurnata ta’ l-incident in ezami kien hemm xi diverbji ohra bejniethom. Gara li wara xi argumenti verbali sparsi fuq medda ta’ ftit sieghat f’postijiet differenti[2], Priscilla Ciantar u Helen Calleja kienu miexjin fi Triq Ponsomby meta spiccaw hdejn il-van li minnu l-imputat

[1] Proscilla Cianta propjament xehdet tlett darbiet pero darba minnhom xehedet biss biex tipprezenta xi certifikati medici.
[2] Ghalkemm dejjem il-Gzira.

kien ibiegh il-haxix. Ciantar u Calleja jghidu li kien l-imputat li saq ghal, u waqaf, hdejhom fil-waqt li Bonello u l-imputat jghidu li l-van kien ipparkjat ghax l-imputat kien qieghed fuq xoghol tal-bejgh tal-haxix u kienu Ciantar u Calleja li marru hdejhom.

Illi fatt li m'hemm l-ebda dubbju fuqu hu li l-argument beda meta Priscilla Ciantar sabet ruhha hdejn il-bieba ta' quddiem (tan-naha tal-passiggier) tal-van ta'l-imputat fejn kien hemm bilqeghda Sacha Bonello. Dan huwa l-unika fatt li jaqblu dwaru x-xhieda.

Illi skond Priscilla Ciantar meta hi sabet ruhha hdejn Sacha kemm Sacha kif ukoll l-imputat niezlu mill-van u qabdu jaghtuha; hi tat verzjonijiet differenti ta' min niezel l-ewwel, minn aggrediha l-ewwel, u kif aggredewha. F'din it-taqbida Cinatar wegghet imniehirha.

Illi skond Helen Calleja meta Ciantar (fit-triq) u Bonello (fil-van) gew wicc imbwicc Bonello bdiet tisfida lil Ciantar ghall-glied, Ciantar sfidatha lura, Bonello nizlet mill-van u mill-ewwel qabdu jaghtu; dak il-hin niezel ukoll l-imputat mill-van ferraqhom u dak il-hin rat lil Ciantar ma'l-art. Aktar tard f'dik id-depozizzjoni Calleja biddlet il-verzjoni u qalet li l-imputat gibed lil Bonello u ta daqqa lil Ciantar fuq wiccha li bhala rizultat waqghet ma'l-art. Meta xehedet it-tieni darba qalet li hi ma ratx lill-imputat jaghti daqqiet lil Ciantar.

Illi f'l-ewwel depozizzjoni taghha Sacha Bonello minghajr ma spjegat kenitx fil-van jew barra l-van u jekk kienet fil-van kif gie li harget, sempliciment qalet li gew Ciantar u Bonello hdejha, ma qalu xejn u mill-ewwel qabdu jaghtuha ghalhekk l-imputat gie jferraq. Qalet ukoll li kieku ma giex l-imputat iferraqhom kienu joqtluha bid-daqqiet li kienu qed jaghtuha. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li Bonello ma prezentat l-ebda certifikat mediku u ma jidhirx li gew riskontrati xi griehi ta' riljev partikolari fuq gisimha. Meta Bonello xehdet it-tieni darba spjegat li hija kienet fil-van, Ciantar u Calleja qabdulha xaharha

ghalhekk hi fethet il-bieba  u meta fethet il-bieba laqtghet lil Ciantar; Bonello harget mill-van u daruha. Meta ra hekk l-imputat hareg hu ukoll mill-van u mar ifferaqhom billi qala' lilha, cioe lil Sacha. Hi tinsisti li f'l-ebda hin ma rat lill-imputat jaghti xi daqqa lil Ciantar.

Illi l-imputat ukoll jaghti verzjonijiet kontrastanti meta wiehed jikkompara dak li qal lill-pulizija li hadu r-rapport, dak li qal f'l-istqarrija u dak li qal fid-depozizzjoni tieghu. Mhux talli hekk imma anke waqt id-depozizzjoni tieghu filli jghid haga u filli jghid haga ohra; per ezempju l-ewwel jghid li meta Sacha harget mill-van iz-zewg tfaljiet qabdu jaghtu u waqghu t-tnejn ma'l-art u li dahal bejniethom biex iferraq; ftit wara meta gie mitlub jispjega kif ferraq jispjega li dahal bejniethom u imbotta lil Priscilla[3] billi ressaqha lura mill-parti ta' fuq ta'  gisimha. Aktar minn hekk f'dan l-istadju qal li Priscilla ma waqghetx ma'l-art.

Illi kien hemm xhieda ohra li tressqu mill-prosekuzzjoni pero dawn kienu tobba li nvistaw lil Ciantar (dwar l-incident innifsu dawn ovvjament ma setghu jghidu xejn)  u l-pulizija li ha r-rapport (hu ma kienx prezenti ghall-incident u qal biss dak li rrakkontawlu l-persuni koncernati). Ghalhekk il-Qorti tista' tistrih biss fuq id-depozizzjoni ta'l-erbgha persuni fuq imsemmija.

Illi kif diga ntqal hadd minn dawn il-persuni huwa kredibbli b'mod li mill-verzjonijiet mghotija l-Qorti mhiex f'pozizzjoni li tistabbilixxi fil-grad rikjest mill-Ligi minn beda l-incident u minn ikkawza l-griehi li soffriet Priscilla Ciantar. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

[3] Ta min wiehed jinnota li Sacha  qalet li l-imputat ferraq billi qala lilha mhux lil Priscilla.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------